# Santa Katarina meqjuma fil-Katidral Għawdex

*Kitba ta' Lorenzo Zahra.*

Fil-Knisja Matriċi ta' Għawdex, illum il-Katidral, diġà mis-sena 1532 in-Nobbli Palermitan Castelletti kien waqqaf kappella f'ġieh Santa Katarina Verġni u Martri. Meta miet il-fundatur Ferdinandu kien sarlu monument fuq qabru u kien ħalla wkoll xi benefikati biex il-qaddisa tkun meqjuma f'dik il-kappella.

Naturalment nafu b'dak li għadda minnu Għawdex fis-sena 1551 meta saret ħerba kbira f'dak li nafuh bħala l-Assedju t'Għawdex. Kien tassew żmien ta' qerda kbira.

Imma wara, l-ħajja f'Għawdex reġgħet stabbiliet ruħha u allura fil-kappella msemmija ta' Santa Katarina fis-sena 1595 kien hemm il-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju li talbet lid-dixxendenti ta' Castelletti biex tibqa' tagħmel użu mill-kappella ta' Santa Katarina.

Il-fundaturi werrieta aċċettaw bil-patt iżda li ssir xbieha tal-qaddisa fl-istess Kappella kif ukoll li tkun meqjuma u ffesteġġjata kif jixraq lill-qaddisa Martri Katarina b'quddiesa u vespri fil-Jum tagħha.

Meta nbena t-tempju l-ġdid il-familja Castelletti riedet li żżomm id-drittijiet li kellha fuq il-fondazzjoni tal-kappella ta' Santa Katarina, allura ħasbet biex ikun hemm mill-ġdid il-qabar tal-familja u ġeddet xi drittijiet li kellha anzi kienet ħalliet ukoll lampier tal-fidda biex jinżamm mixgħul quddiem is-sagrament.

Dan juri l-qima li din il-familja nobbli Palermitana kellha lejn Santa Katarina. Irrid inżid ukoll li l-istess familja kellha rabtiet mal-knisja ta' San Lawrenz Martri tal-Birgu fejn kellha ġustpatronat fil-kappella ta' l-Immakulata Kunċizzjoni.
Ref AAM
Sup / 3 / 368



***Kitba fuq il-benefattur Castelletti***